# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 6.1

## Kap 6.1 – Min jifforma l-katina tagħna

## Lezzjoni 6.1: Il-ħbiberija vera

**L-għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jifhmu xi tfisser li tkun ħabib/a ta' veru.

2. Jirrevedu l-karatteristiċi li kellu Ġesù fejn jidħlu l-ħbieb.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- stampa fuq 'powerpoint' tal-ħbieb
- karti kkuluriti
- kartonċina
- 'powerpoint' – Il-Ħbieb Veri
- il-Karta ta' Taħriġ 6.1



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri lill-istudenti stampa fuq 'powerpoint' li fiha hemm xi ħbieb.
- Staqsi lill-istudenti: Fiex tfakkarhom l-istampa? (fil-ħbieb).
- Staqsihom ukoll: Għaliex il-ħbieb huma importanti? L-istudenti jistgħu jiktbu dak li jiġihom f'moħħhom fuq l-'Interactive Whiteboard' madwar l-istampa.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Għid lill-istudenti biex fuq karta kkulurita jpinġu idhom u fuq l-id jiktbu l-isem tal-ħabib/a tagħhom u x'għandu/ha speċjali.
2. L-istudenti jgħidu x'ikunu kitbu. (Fl-aħħar tal-lezzjoni l-idejn jistgħu jitwaħħlu fuq kartonċina u c-'chart' titwaħħal fil-klassi).
3. Uri lill-istudenti l-'powerpoint' u spega permezz tal-'powerpoint' xi tfisser li tkun ħabib/a ta' veru.
4. Stieden lill-istudenti jiftħu l-ktieb tal-Attivitajiet u wara li taqra l-informazzjoni, spjega ftit is-silta u għaddi għal Attività 1.
5. Iddiskuti Attività 1 u ħalli lill-istudenti jniżżlu kif jaħsbuha. Tkun tajjeb jekk dak li kitbu jkunu jistgħu jgħidu għaliex niżżluh.
6. Spjega Attività 2. Spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi ddiskuti u huma jimmarkaw il-kwalitajiet li kellu Ġesù.
7. Spjega Attività 3 u fiehem l-importanza tal-ħbiberija vera.
8. Agħlaq il-lezzjoni b'talb tagħhom stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-ħbieb huma importanti ħafna u permezz tagħhom aħna nistgħu nitgħallmu minn xulxin.




2. Ħbieb veri huma dawk it-tfal li huma onesti, jgħidu l-verità u dejjem lesti li jgħinuk.
3. Meta tkun imdejjaq/a jew inkwetat/a ħabib/a ta' veru dejjem j/tipprova j/tgħinek.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal juru li huma jaħdmu biex ikollhom ħbieb tajbin u biex madwarhom ikollhom ħbieb tajbin.



## Nitolbu

O Ġesù, nixtieq nirringrazzjak tal-ħbieb kollha li tajtni. Nitolbok biex jiena nkun ta' għajnuna għall-ħbieb tiegħi.

